MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 95/2013

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Jeffrey Pappalardo**

iben Giovanni, imwieled Pieta', fl-14 ta' Gunju, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 329182(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jeffrey Pappalardo, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta' Settembru, 2007, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u is-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta

ma kienx b'xi mod iehor  bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292 ta' l-1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3 sub inciz 1 ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1982 kif sussegwentement emendati, u l-artikoli 40(A) u 120(A); u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-usu esklussiv tieghu;

Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fit-30.09.2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu medicini ristretta u psikotropika (MCPP) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3 subinciz 1 tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendat u l-artikoli 40A u 120A tat-Tielet Skeda ta' Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjoni li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitlu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 kif emendat liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti sabtu hati tal-akkuzi lilu addebitati, wara li rat id-Disposizzjonijiet 4 u 6 tat-Taqsima tal-Ordinanza, illum Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; il-G.N.292 ta' l-1939; l-artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 40(A), u 120(A) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Avviz Legali 22 ta' l-1985; u l-artikolu 16 tal-Att V ta' l-1985..

Dwar il-piena, qieset il-fedina penali tieghu – netta, u qieghda ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn u nofs;

Ikkundannatu ukoll ghal multa ta’ €5,000

Ikkundannatu wkoll ghall-ispejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghas-somma komplessiva ta’ €3,407.49.

Rat ir-rikors tal-appellant Jeffrey Pappalardo minnu pprezentat fis-26 ta’ Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, u minflok, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-appellant umilment jirrileva li, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u dan senjatament peress illi ma ngiebet ebda prova konklussiva li fil-fatt id-droga li nstabet f'dan il-garaxx, kienet fil-fatt ta' l-appellant, anke peress illi kif irrizulta ampjament kemm mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni stess, u kemm mid-depozizzjoni ta' l-istess appellant, il-garaxx kienu juzawh diversi persuni, membri tal-familja Pappalardo. Konsegwentement, la darba ma ngibitx il-prova li d-droga kienet fil-fatt ta' l-appellant, huwa ma seta' qatt jinstab hati tal-pussess aggravat taghha.

L-Ewwel Onorabbli Qorti, sabet htija fl-appellant u cioe' li d-droga misjuba kienet fil-pussess tieghu, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi d-droga nstabet f'garaxx fejn l-appellant kien gieli jdahhal il-vetturi tieghu. Fil-fatt, fil-konsiderazzjonijiet taghha tghid illi 'l-pulizija ntercettawh hdejn il-garaxx, u dan infetah b'cavetta li ttiehdet minghandu; kif ukoll illi l-istess garaxx, li skont hu ma kienx juza hlief ftit, instabu zewg vetturi tieghu ... '

Bir-rispett kollu, il-fatt illi f'dan l-istess garaxx intsabu zewg vetturi registrati fuq l-imputat, u il-fatt illi l-appellant kien jaghmel uzu minn dan il-garaxx, ma jfissirx illi d-droga misjuba fl-istess kienet tieghu, l-aktar fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ma kienx l-unika persuna li juza dan il-garaxx. Fil-fatt, irrizulta car mid-depozizzjoni ta' l-ispettur investigattiv, u anke fil-kontro-ezami tieghu, illi go dan il-garaxx kien hemm vetturi ohra appartenenti lill-membri ohra tal-familja Pappalardo. Ladarba ebda droga misjuba fil-garaxx ma nstabet fil-vettura ta'

l-appellant, allura ma ngibet ebda prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi d-droga kienet tal-imputat.Bid-dovut rispett, ebda prova li ressqet il-prosekuzzjoni ma torbot id-droga misjuba fil-garaxx, ma l-appellant, ghalhekk l-appellant kellu jigi liberat minn l-imputazzjonijiet migjuba kontrih.L-ewwel Qorti jidher ukoll illi ma emnitx dak illi qal l-imputat, bil-gurament tieghu. Fil-fatt, fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti qalet illi 'kull spjegazzjoni illi tal-imputat mhux veritiera.' L-ewwel Qorti sahqet illi lill-imputat ma emmnitux ghal zewg ragunijiet principali li huwa nnega l-uzu tal-garaxx, u li l-joint li l-Pulizija xehdu li elevaw mill-kamra tieghu, huwa fix-xhieda tieghu nsista li fil-fatt din giet elevata minn gewwa l-living room. Pero', bid-dovut rispett, jekk wiehed jikkonsidra bir-reqqa x-xhieda tal-istess appellant, l-appellant qatt ma cahad illi huwa kellu access ghal dan il-garaxx jew li qatt ma kien juzah. Jghid biss illi l-uzu tieghu ta' dan il-garaxx kien limitat, u li hu kien juzah flimkien ma' kull min kellu access ghad-dar t'ommu -'Ommi u missieri u jiena u hija li konna nuzaw dan il-garaxx.' (fol 464.) Fid-dawl ta'sottomisjoni cara bhal din, kif setghet qatt l-Ewwel Onorabbli Qorti tghid illi l-appellant innega l-uzu ta' dan il-garaxx. L-appellant qal biss illi hu ma kienx juza l-garaxx wahdu, tantu li fil-fatt ic-cwievet ta' dan il-garaxx kienu mdendla wara l-bieb ta' ommu, u kienu accessibli ghal kulhadd.

Ghar-rigward tal-joint, il-prosekuzzjoni ma resqet ebda prova konkluzziva, bhal nghidu ahna xi ritratti ta' minn fejn gie elevat l-istess, ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq dak li qalu l-Pulizija, b'tali mod u manjiera li tasal biex tikkonkludi li l-imputat mhux qed jghid il-verita'.

Fatt importanti iehor illi l-Ewwel Qorti tat importanza, hija d-depozizzjoni li ta Alfred Bouvet, is-sid tal-garaxx. Dan fix-xhieda tieghu jghid illi l-garaxx kien jikrieh lil missier l-imputat u cioe' John (Geraldu) Pappalardo, u li fil-fatt il-kera kien jircivieha minghandu.
Pero’, bir-rispett kollu, dan ikompli jsahhah it-tezi tad-difiza li fil-fatt l-appellant ma kienx l-unika persuna illi qed jaghmel uzu minn dan il-garaxx.

Jghid ukoll illi hadd aktar ma kellu kopja ta' dawn ic-cwievet, u l-Ewwel Qorti taghmel accenn ukoll ghal dan il-fatt, u jidher li tatu importanza, mhux hazin. Bid-dovut rispett, kif jista' dan ix-xhud ighid b' certezza min u min ma kellux cavetta ta' dan il-garaxx, meta dan il-garaxx ma kienx qed juzah hu, izda fil-fatt krieh lil terzi? Konsegwentement, kif setghet il-Qorti tistrieh fuq ix-xhieda ta' din il-persuna, u taghtieha daqstant importanza?

Inoltre, jinghad ukoll, illi kif irrizulta mill-provi, u senjatament mid-depozizzjoni ta' l-Ispettur Dennis Theuma l-appellant kien ilu jigi segwit mill-Pulizija, pero' minkejja l-fatt illi dan kien ilu jigi osservat ghal diversi gimghat, l-appellant ma nqabad jaghmel xejn illegali.

Bid-dovut rispett, huwa pjuttost impossibli u inversosimili li persuna li jkollha fil-pussess taghha tant ammont sostanzajli ta'sustanza llegali diversa, liema ma tkunx ghall-uzu personali tieghu, ma jaghmel ebda moviment suspettuz, u dan ghal diversi gimghat.

F'din l-investigazzjoni, gie elevat ukoll il-mobile phone ta' l-appellant. Fih ma nstab xejn inkriminanti, u barra minn hekk, l-appellant ta anke spjegazzjoni ghal dawk il-messagi li jistghu jitqiesu li mhux cari, (ghalkemm car li ma ghandhom ebda konessjoni ma bejgh ta' sustanzi llegali). Fil-fatt, fid-depozizzjoni tieghu jispjega li huwa kellu negozju fejn kien ibiegh xi diving equipment minn wara dahar l-imghallem tieghu.

Fatt importanti hafna huwa li minkejja l-fatt illi gew elevati diversi impronti digitali mid-diversi oggetti elevati minn gewwa dan il-garaxx, wara ezami komperattivi, ma qabel xejn ma' l-impronti ta' l-imputat.

Fi kliem iehor, ghalkemm il-prosekuzzjoni, ressqet diversi xhieda, bir-rispett kollu, l-ebda wahda minn dawn ix-xhieda ma jikkostitwixxi prova li d-droga kienet fil-pussess ta' l-appellant u cioe' propju dak illi trid il-ligi sabiex tinstab htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-

ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-pulizija elevaw diversi pilloli, trab abjad u sustanzi ohra ohra li rrizulta li kienet droga, skont l-analizi li saru fuqhom. Dawn l-affarijiet instabu kollha go garage. Dan il-garage partikolari hu tal-familja Pappalardo. Missier l-appellant, John Pappalardo, kien kera dan il-garage minghand Alfred Bouvett. Dan il-garage kien jigi uzat minn missier u omm l-appellant, kif ukoll mill-appellant stess peress li kien izomm il-karozzi tieghu f'dan l-istess garage. L-ewwel problema li jinqala fuq dan il-garage hu min kellu l-uzu u ic-cavetta ta' l-istess. Kif inghad fuq l-appellant dejjem sahaq li l-uzu ta' dan il-garage ma kinux tieghu biss. Fuq dan il-fatt, l-unika prova li hemm hi x-xhieda tal-appellant. Setghet saret prova da parti tieghu billi l-appellant setghet isejjah lill-genituri biex jikkonfermaw dan il-fatt. It-tieni punt hu li l-appellant xehed li c-cavetta tal-garage keinet imdendla d-dar u ghalhekk l-okkupanti tad-dar kellhom l-access liberu ghal dan il-garage. Ghandu jigi rilevat li anki hawn setghet saret prova semplici da parti tal-appellant li ma saritx u cioe' li l-okkupanti tad-dar residenzjali fejn joqghod l-appellant setghu telghu bhala xiedha tal-appellant. Dan ma sarx. Madankollu, l-appellant dejjem sostna li gjaladarba hemm dawn iz-zewg fatturi mhemmx il-prova li dan il-fond kien ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk dak li nstab go fih ma jista' qatt jigi attribwit ghalih. L-ewwel Qorti ghazlet li ma temminx lill-imputat u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tbiddel il-fehma tal-ewwel Qorti.

Madankollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat jew ma qalx il-verita' jew hemm verita' ohra ftit skomda ghall-familja Pappalardo.

Illi hemm prova ohra li tirrigwarda fejn instab il-'joint'. Il-pulizij xehdu li dan instab fil-kamra tal-appellant waqt li l-appellant ighid li din ma kinitx fil-kamra tieghu. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-ewwel Qorti li emmnet il-pulizija u mhux l-appellant.

Illi l-appellant qanqal il-kwistjoni tax-xhieda ta' Alfred Bouvet. Xi ighid dan ix-xhud. Hu jhid zewg affarijiet principali. L-ewwel wahda hi li hu kera l-garage lill-missier l-appellant u it-tieni wahda li kien l-appellant stess li tah lura c-cavetta ta' dan il-garage. Min-naha tieghu, l-appellant jichad li hu ta c-cavetta lura lil Alfred Bouvet. Dawn iz-zewg fatti ma jincidu xejn fuq il-htija jew le ta' l-appellant. Ghaliex anki kieku l-appellant ta lura c-cavetta lil Alfred Bouvet ma jfissrx li hu kellu l-uzu esklussiv ta' dan il-fond. Hemm provi ohra li ma utillizax l-appellant li huma ferm aktar indikattivi.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti. Hi kienet ragonevoli u legalment korretta fil-konkluzjoni milhuqa.

Illi ghal dak li tirrigwarda l-piena, l-abbli difensur tal-appellant ccita zewg sentenzi. L-ewwel wahda hi ta' din il-Qorti diversament presejduta fl-ismijiet: Il-Pulzija v. John Gerada deciza fis-16 ta' Settembru, 2009 u it-tieni wahda hi sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Johnny Aquilina deciza fl-20 ta' Settembru, 2013. F'dawn iz-zewg sentenzi ma gietx applikata piena ta' prigunerija effettiva. Din il-Qorti qrat b'attenzjoni dan iz-zewg sentenzi izda hi tal-fehma li ma japplikawx ghall-kaz in ezami. L-ewwel kaz jirrigwarda 'heavy user' ta' sustanza partikolari. Fit-tieni kaz, dik il-Qorti wkoll kellha quddiemha problema ta' uzu ta' sustanza wahda. Hawnhekk, il-kaz hu kompletament differenti ghaliex instsbu diversi sustanzi differenti li jindikaw minghajr ebda dubju li din ma kinitx ghall-uzu esklusiv tieghu.

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet: Il -Pulizija v. Joseph Attard deciza fis-26 ta' Jannar, 2006 intqal li din il-Qorti "...narament tbiddel il-piena mposta mill-ewwel Qorti. Din taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jjkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-

parametri tal-ligi."  Din il-Qorti taqbel perfettament ma dan il-principju u fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti kienet korretta fl-applikazzjoni tal-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Jeffrey Pappalardo u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------